

2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 240, 20.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' April 2021 – Bibita Group vs EUIPO – Benkomers (Flixkun tax-xorb)**

(Kawża T-326/20) (<sup>1</sup>)

*(“Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Disinn Komunitarju irregistral li jirrappreżenta flixkun tax-xorb – Disinn internazzjonali preċedenti – Raġuni għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Kunflitt ma’ disinn preċedenti – Karattru individwali – Utent avżat – Grad ta’ libertà tad-disinjatur – Impressjoni globali differenti – Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(d)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)*

(2021/C 242/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Bibita Group (Tirana, l-Albanija) (rappreżentant: C. Seyfert, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaitė-Orlovskienė u J. Crespo Carrillo, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Benkomers OOD (Sofia, il-Bulgarija)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' April 2020 (Każ R 1070/2018-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Bibita Group u Benkomers.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bibita Group hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 247, 27.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' April 2021 – Robert Klingel vs EUIPO (MEN+)**

(Kawża T-345/20) (<sup>1</sup>)

*(Trade mark tal- Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat – trade mark tal- Unjoni Ewropea figurattiva MEN+ – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar- Regolament (UE) 2017/1001 – Eżami tal- fatti – Artikolu 95(1) tar- Regolament 2017/1001 – Obbligu ta’ motivazzjoni)*

(2021/C 242/56)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Robert Klingel OHG (Pforzheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Zick, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Marzu 2020 (Każ R 1906/2019-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv MEN+ bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Robert Klingel OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 247, 27.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' April 2021 – Freistaat Bayern vs EUIPO  
(GEWÜRZSOMMELIER)**

(Kawża T-348/20) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea  
GEWÜRZSOMMELIER – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrrittiv – Artikolu 7(1)  
(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Neoloġiżmu”)

(2021/C 242/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Freistaat Bayern (il-Ġermanja) (rappreżentant: V. Lehmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Marzu 2020 (Każ R 2430/2019-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali GEWÜRZSOMMELIER bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Freistaat Bayern hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 247, 27.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' April 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni (SAS, Id-Danimarka;  
Covid-19)**

(Kawża T-378/20) (<sup>1</sup>)

(“Għajnuna mill-Istat – Suq Daniż tat-trasport bl-ajru – Għajnuna mogħtija mid-Danimarka lil kumpannija tal-ajru fil-kuntest tal-pandemja tal-COVID-19 – Garanzija – Deċiżjoni li ma jitqajmux oggeżżjonijiet – Impenji li jikkundizzjonaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern – Għajnuna intiża li tirrimedja d-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Libertà ta' stabbiliment – Libertà li jiġi pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2021/C 242/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. C. Laprévote, S. Rating, I.-G. Metaxas-Maranghidis u V. Blanc, avukati)